- Azzjoni li tattakka l-legitimita' ta' persuna -

- Artikolu 77 tal-Kap 16.-

- Artikoli 67, 70, 73, 76, 77, 78, 79, 80, 81, 82, 84, 85, 86, 87, Kap 16.-

- L-att ta' twelid u pussess ta' stat ta' iben legittimu -

- Impossibilita' Fizika li jghammar ma martu-

- Art. 32 (c) tal-Kostituzzjoni –

- Artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 -

- Inamissibilita' tal-azzjoni u provi kontra tali stat ta' legittimita'-

- *"Family Ties* -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Marzu 2001

**Kawza Numru: 33**
**Citazzjoni Numru: 1841/98/RCP**

**Stephen Healey**

**vs**

1. **Clyde Farrugia Vella**

2. **Denise Farrugia Vella**

3. **L-Avukat Gordon J Cutajar u l-PL Jean Pierre Busuttil li b'digriet tas-7 t'Ottubru 1998 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil minuri Nathan Farrugia Vella u b'digriet tat-2 ta' Gunju 1999 il-kuraturi deputati Dr Gordon J Cutajar u l-PL Jean Pierre Busuttil gew estromessi mill-kawza u minflok giet appuntata Denise Farrugia Vella bhala kuratrici ta' l-istess minuri Nathan Farrugia Vella.**

4. **Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-20 ta' Lulju 1997 twieled tifel minn relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta Denise Farrugia Vella, mart il-konvenut Clyde Farrugia Vella;

Illi fic-certifikat tat-twelid ta' l-imsemmi tifel - Nathan Farrugia Vella - missieru gie ndikat bhala Clyde Farrugia Vella (Dok A).

Illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri fuq imsemmi (Dok B).

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali ta' Nathan Farrugia Vella li twieled fl-20 ta' Lulju 1997 minn relazjoni bejn l-attur u l-konvenuta; u konsegwentement

2. Tordna li l-att tat-twelid ta' l-imsemmi minuri, att numru 3128/1997, jigi korrett billi fil-kolonna "isem u kunjom missier it-tarbija" il-kliem "Clyde Farrugia Vella" jigu sostitwiti bil-kliem "Stephen Healey" fil-kolonna "professjoni, sengha jew stat iehor tal-missier it-tarbija" l-kliem "company director" jigu sostitwiti bil-kliem "quality controller"; fil-kolonna "eta" tal-missier in-numru "28" jigi sostitwit bin-numru "33" fil-kolonna "fejn twieled missier it-tarbija" l-kelma Attard tigi sostitwita bil-kelma "Senglea"; fil-kolonna "fejn joqghod missier it-tarbija" l-kliem "Santa Lucia" jigu sostitwiti bil-kelma "L-Isla"; fil-kolonna "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" il-kliem "Joseph

Farrugia Vella (Alive)" jigu sostitwiti bil-kliem Henry Healey (Alive).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti mil-llum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process.

Rat li l-kawza giet appuntata ghat-23 ta' Marzu 1999.

Rat ir-rikors ta' Stephen Healey tat-18 ta' Settembru 1998 u d-digriet tal-Qorti tat-2 t'Ottubru 1998 fejn talbet lir-rikorrenti jindika l-kawza li rrefera fiha fir-rikors tieghu, u ordnat li tali process jigi a skop ta' dan ir-rikors allegat ma dan il-process, u rriservat li tipprocedi permanentament fi stadju ulterjuri.

Rat ir-rikors ta' Stephen Healey tat-18 ta' Settembru 1998 u id-digriet tal-Qorti tas-7 t'Ottubru 1998 fejn Dr Gordon J Cutajar u l-PL Jean Pierre Busuttil gew mahtura Kuraturi Deputati biex jirrappresentaw lill-minuri Nathan Farrugia Vella.

Rat ir-risposta ta' Denise Farrugia Vella tal-5 ta' Ottubru 1998 u d-digriet tal-Qorti tas-26 t'Ottubru 1998 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat il-verbal tat-23 ta' Marzu 1999 fejn Dr Clarke irtirat ir-rikors taghha tat-18 ta' Settembru 1998. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Gunju 1999 ghan-notifika.

Rat il-verbal tat-2 ta' Gunju 1999 fejn il-Qorti in vista tal-accettazzjoni tal-bandu da parti ta' Denise Farrugia Vella ghan-nom tal-minuri a fol 11 tal-process, estromettiet il-kuraturi appuntati b'digriet tas-7 ta' Ottubru 1998 u appuntat l-istess Denise Farrugia Vella bhala kuratrici tal-istess minuri. Il-kawza giet differita biex jidhlu r-riferti tan-notifika lill-partijiet ghat-13 ta' Lulju 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 27 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-att tat-twelid in kwistjoni nru 3128/1997 relattiv ghall-minuri Nathan Farrugia Vella gie redatt korrettament skond il-ligi u jirrifletti l-istat legittimu tal-wild fl-epoka tat-twelid.

2. Illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kollha li taw lok ghall-kawza odjerna u jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-bidla li qieghda tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm il-darba tintlaqa' zgur li se jkollha effett irriversibbli fuq il-hajja futura tal-istess minuri.

Ghalhekk jinhtieg li din l-Onorabbli Qorti tkun tassew konvinta mill-provi migjuba qabel tiddeciedi li tilqa' t-talbiet tal-attur u kwalunkwe decizjoni ghandha tittiehed fl-ahjar interess tal-minuri.

4. Illi f'kaz li t-talba attrici tigi akkolta l-att tat-twelid ghandu jigi korrett fis-sens li apparti l-korrezzjonijiet mitluba mill-attur, l-istess attur ghandu jigi ndikat bhala "missier illegittimu".

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelidx mhuwhiex attribwibbli ghal zball tal-esponent li ghalhekk m'ghandux ibati spejjez.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku a fol 28 tal-process.

Rat il-verbal tat-13 ta' Lulju 1998 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika wara l-hinijiet legali ghat-30 ta' Novembru 1999.

Rat ir-rikors ta' Stephen Healey u d-digriet tal-Qorti fejn laqghet it-talba u ordnat in-notifika *ai termini* tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tad-19 t'Ottubru 1999 a fol 33 tal-process.

Rat in-nota tal-attur fejn esebixxa estratt minn gazzetta lokali tas-26 ta’ Novembru 1999.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Novembru 1999 fejn peress li kien ghadu ghaddej it-terminu ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet il-kawza giet differita ghas-16 ta’ Dicembru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Clyde u Denise Farrugia Vella f’isimhom proprju u bhala kuraturi tal-minuri Nathan Farrugia Vella a fol 37 tal-process fejn ecceppew:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi preliminarjament li l-kawza fuq imsemmija ghanda tigi ddikjarata dezerta a tenur tal-ligi stante illi l-provvedimenti ta l-Artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx ottemprati stante li l-proceduri bil-miktub ma gewx maghluqa fi zmien sitt xhur perentorju mill-prezentata tac-Citazzjoni odjerna.

2. Illi c-citazzjoni odjerna hija improponibbli legalment stante li l-ebda persuna ma jista' jiddisturba l-istat legittimu ta' tarbija mwielda matul iz-zwieg u dan kif jiddisponi l-**artikolu 81 tal-Kodici Civili** oltre l-fatt li dan it-tentattiv imur kontra l-buon ordni tal-familja.

3. Illi bla pregudizzju ghal premess il-kawza odjerna, illi l-konjugi Farrugia Vella ikkoabitaw flimkien kif ghadhom

jaghmlu sa llum sa wara it-twelid ta' Nathan Farrugia Vella.

4. Illi bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri Nathan Farrugia Vella il-missier Clyde Farrugia Vella ma kienx f'impossibbilita fizika li jikkoabita mal-mara tieghu ghax dawn kienu qed jghixu bhala mizzewgin flimkien.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Farrugia Vella a fol 38 tal-process.

Rat il-verbali tas-16 ta' Dicembru 1999 u tas-7 ta' Marzu 2000 fejn Dr Edward Debono irtira l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Farrugia Vella. L-Qorti nnominat lill-Assistent Giudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tisma' l-provi kollha dwar il-kaz bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw ix-xhieda taghhom bl-affidavits, bil-visto tad-difensur tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-11 ta' Mejju 2000.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju tal-11 t'April 2000 u tat-2 ta' Mejju 2000.

Rat l-affidavit ta' l-attur prezentat fit-3 ta' Mejju 2000 a fol 61 u 62 tal-process.

Rat in-nota tal-attur fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Maria Healey a fol 71 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta' Mejju 2000 fejn Dr Debono ghall-konvenuti talab l-isfilz ta' kull dokument prezentat mill-attur fil-process stante li l-azzjoni proposta hija mroponibbli u tilledi d-drittijiet kostituzzjonali tal-konvenuti kif sancit fl-**Artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Kap 319 Artikolu 3 (2) u (3) u tal-iskeda 1 tal-istess Kap u cioe` Artikolu 8 u Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea** u talab li a tenur tal-istess **artikolu 3 (3) tal-Kap 319** din il-Qorti tiddeciedi l-punt kostituzzjonali imqajjem u/jew fil-kaz li ma jidhirx li hu hekk opportun taghti zmien lill-konvenuti biex jintavolaw ir-rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dr Doreen Clark ghall-attur irrilevat li *ai* termini tal-**Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 (3) tal-Kap 319** tal-Ligijiet ta' Malta b'referenza kif mitluba mill-konvenuti Farrugia Vella setghet ssir biss minn Qorti li mhix il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u/jew il-Qorti Kostituzzjonali, ghalhekk *ai termini* ta' l-istess Artikoli din il–Qorti m'ghandiex Gurisdizzjoni jew il-kompetenza biex tiddeciedi dan il-punt fil-proceduri odjerni. Dr Doreen Clark tissottometti illi jekk il-konvenuti Farrugia Vella jidhrilhom illi l-azzjoni tentata mill-attur qed tilledi xi drittijiet fundamentali taghhom huma ghandhom jaghmlu rikors *ad hoc*. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti dehrilha li minkejja s-sottomissjonijiet tal-attur li ghandha taghmel ir-riferenza rikjesta, din l-Onorabbli Qorti ghandha l-ewwel tara jekk it-talba tal-konvenuti Farrugia Vella ghandhiex xi bazi almenu

*prima facie* u wkoll jekk hix frivola u vessatorja. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar dan il-punt ghas-6 ta' Lulju 2000.

Rat il-verbal tas-6 ta' Lulju 2000 fejn id-difensuri trattaw il-punt Kostituzzjonali. Il-kawza giet differita biex il-konvenut Clyde Farrugia Vella jirregola ruhu dwar il-punt Kostituzzjonali ghall-14 ta' Lulju 2000.

Rat il-verbal tal-14 ta' Lulju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-10 ta' Ottubru 2000.

Rat il-verbal tal-10 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Giudizzjarju. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-7 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota ta' Clyde Farrugia Vella tas-16 t'Ottubru 2000 fejn permezz taghha gew esebiti l-affidavits tieghu u ta' Denise Farrugia Vella (fol 117 sa 120 tal-process).

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru fejn Dr Debono ghall-konvenuti talab li Paul Sultana ma jixhidx in konnessjoni mad-DNA test stante illi tali prova tista' tippregudika d-dritt kostituzzjonali ta' l-intimati ghas-salvagwardia tal-familja kif sancit fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dr Doreen Clarke ghall-attur irrilevat li din it-talba tal-konvenut diga saret fir-rikors kostituzzjonali prezentat minnu, liema rikors gie deciz fl-10 ta' Ottubru 2000, u illi inoltre c-certifikat tad-DNA test diga

gie esebit mill-konvenut Clyde Farrugia Vella fl-atti tal-kawza: “Clyde Farrugia Vella vs Denise Farrugia Vella et”, Citaz Nru 88/99NA u ghalhekk diga jifforma parti minn atti pubblici accessibbli b’mod generali u lil kulhadd. Finalment irrilevat li kull parti f’kawza ghandha dritt tipproduci dawk il-provi kollha relevanti ghall-kaz in ezami. Dr Debono irrileva li c-citazzjoni nru 88/98/NA giet ceduta fir-Registru ta’ din il-Qorti. Il-Qorti fic-cirkostanzi cahdet it-talba stante li dan ix-xhud ser jixhed fuq dokument li diga jinsab fl-atti tal-kawza u *di piu`* din il-Qorti hija tenuta u obbligata li tisma’ l-provi kollha producibbli mill-partijiet in konsistenza mal-principju *audi alteram partem*, fil-kaz partikolari taghmel referenza **ghall-artikolu 70 (3) tal-Kap 16** *ai termini* ta’ liema din il-Qorti ghandha l-fakolta li hija tissuggerixxi l-istess *DNA test*. Dan ukoll jittiehed fl-isfond tal-posizzjoni legali llum li l-partijiet jistghu ukoll igibu prova ta’ esperti *ex-parte*, u fl-ahhar nett din il-Qorti thoss li sabiex tasal biex tiddeciedi dwar il-bazi ta’ l-azzjoni attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, ghandha tisma’ l-provi kollha relevanti. Tibqa’ pero` impregudikat l-allegazzjoni ta’ entita` kostituzzjonali imressqa mill-konvenuti Farrugia Vella u *di piu`* l-Qorti tordna li tali xhieda u dokumenti dwar id-DNA test jibqghu biss disponibbli u accessibbli ghall-Qorti, ghall-partijiet fil-kawza u ghad-difensuri taghhom. Il-Qorti tirriserva wkoll li jekk ikun il-kaz u fil-mument opportun anke fl-istess sentenza tiddeciedi sabiex tordna l-isfilz ta’ kull dokument jew xhieda, kollox skond il-ligi ta’ procedura u l-provvedimenti kostituzzjonali. Rat ix-xhieda ta’ Paul Sultana. Dr Doreen Clarke esebiet nota

b'dokumenti u ddikjarat li m'ghandiex provi aktar. Rat ix-xhieda ta' Stephen Healey. Dr Debono ha kopja tal-affidavits tal-attur u Maria Healey. Dr Debono rrinunzja ghall-kontro-ezami ta' Maria Healey u ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-Qorti sejhet tixhed lil Denise Farrugia Vella. Rat ix-xhieda ta' Denise Farrugia Vella. Dr Edward Debono irriserva li jesebixxi kopja tac-certifikat tal-maghmudija u l-*Obituary* ta' Joseph Farrugia Vella li jigi n-nannu ta' Nathan Farrugia Vella, b'kopja lill-kontro-parti. Id-difensuri qablu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Dr Clarke talbet li taghmel nota ta' osservazzjonjiet. Il-Qorti laqghet it-talba u prefiggiet terminu ta' tletin jum bin-notifika/visto tad-difensur tal-kontro-parti li kellhu tlettin jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Frar 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa l-missier naturali ta' Nathan li twieled min Denise Farrugia Vella fl-20 ta' Lulju 1997 u li, konsegwentement tordna li fic-certfikat tat-Twelid tieghu, li jgib in-numru 3128/1997, l-paternita' tieghu tigi rikonoxxuta.

Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhhu mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita fizika li jghammar ma martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu interess li jaghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-disposizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

***"(1)*** *Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.*

***(2)*** *Hekk ukoll, hadd ma jista' jattaka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu , hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-

ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996 inghad li :-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan…………..." " Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolablita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il-marito come il-padre dei concepiti da sua moglie durante il-matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l-incarnazione della formula solenne ' pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell'antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall'esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell'articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il-matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76**).**

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:-

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittenta mill-attur hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' l-ulied u cioe':-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propositu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*"It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtieh l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat*

*konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fisika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fisika ma tirrizultalax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien presenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legitimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata*

*qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minna".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' impunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi min dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legitimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex*

*juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi il-fanilja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollolah*;

*(c) illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, ………li il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** stante li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossiblita'

fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti il-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81**………jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa …..u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, hadd ma jista' jattaka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ippruvata l-impossibilita' fizika indikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid jew ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz……il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk*

*il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta Denise Farrugia Vella zzewget lil Clyde Farrugia Vella fit-2 ta' Awissu 1992, u wara li kellhom lill-Amy li twieldet fit-30 ta' Gunju 1996, l-istess konvenuta kellha lill-Nathan fil-20 ta' Lulju 1997.

Illi jirrizulta ammess anke mill-attur skond l-affidavit tieghu tat-2 ta' Mejju 2000 a fol. 65 tal-process li sakemm twieldet din l-istess tarbija, il-konvenuta dejjem ghexet fl-istess dar konjugali ma zewgha, u fil-fatt l-unika perjodu li l-istess konvenuta ma abitatx ma zewgha kien biss ghall-perjodu bejn il-11 ta' Novembru 1997 sal-bidu ta' Settembru 1998.

Illi pero' jidher li din l-istess konvenuta kellha relazzjoni mal-attur f'xi zmien kemm qabel it-twelid tal-istess Nathan, kif ukoll ghal xi zmien wara l-istess twelid, meta hija kienet telqet id-dar konjugali fil-perjodu fuq imsemmi u marret tghix waheda fi flat Marsascala. L-attur issotni li huwa, dejjem wara it-twelid tal-istess tarbija, kien mar jghix mal-konvenuta, allegazzjoni li l-konvenuta cahdet bil-qawwa, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-versjoni tal-istess konvenuta hija ferm aktar konvincenti minn dik tal-attur, apparti li legalment la darba l-konvenut kien qed jallega tali fatt, kien oneru tieghu li dan jipprovah sodisfacentament, haga li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-attur naqas li jaghmel. Anzi jekk wiehed jifli sew ix-xhieda minnu moghtija quddiem din il-

Qorti fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2000, jirrizulta li l-versjoni tal-attur, fejn sostna li huwa ghex mal-konvenuta ghal xi tlett xhur hija ghal kollox kontradittorja, stante li lanqas biss kien jaf jghid l-indirizz ta' fejn kien dan l-istess flat, u fil-fatt ma ura l-ebda dokument li fih hemm indikat li biddel l-indirizz tieghu ghal dan l-istess flat jew ghal xi post iehor, anzi ammetta kemm li l-kirjiet tal-istess fond jew fondi kienu jithallsu mill-istess konvenuta u l-ircevuti fil-fatt kienu johorgu fuqha, kif ukoll li l-karta tal-identita' kien biddila tul dan il-perjodu ghall-indirizz ta' ommu.

Illi pero' jibqa' l-fatt li mat-twelid tal-istess tarbija dan gie registrat bhala iben il-konvenut Clyde Farrugia Vella kif jidher mic-certifikat tat-twelid Registrazzjoni Numru 3128/1997 tal-istess Nathan esebit a fol. 5 tal-process, gie maghmed bhala iben ir-ragel tal-konvenuta (Dok.ED1), gie mxandar it-twelid tieghu bhala iben l-istess Clyde Farrugia Vella kif jirrizulta minn kopja tal-gazzetta tal-*Independent* tal-21 ta' Lulju 1997, u kien maghruf bhala tali meta twieled fl-Isptar St. Philip's kif jirrizulta mic-certifikat tal-patologu mahrug mill-istess sptar u esebit bhala Dok. ED 4.

Illi mhux biss, izda jirrizulta wkoll li anke wara it-twelid tieghu l-istess minuri kien dejjem meqjus bhala iben l-istess Clyde Farrugia Vella u bhala tali kien hekk accettat mill-familjari tal-istess konjugi kif jirrizulta mill-*obituary* ta' Joseph Farrugia Vella, missier ir-ragel tal-konvenuta Denise, fejn l-istess iben il-konvenuta huwa indikat bhala n-neputi tal-istess *decujus,* u dan kif jirrizulta mill-avviz li

deher fit-*Times of Malta* tat-12 ta' Awissu 2000, u apparti dan gie registrat l-iskola bl-istess kunjom kif jirrizulta minn Dok. ED 5 .

Illi ma dan hemm il-fatt, lanqas kontestat mill-istess attur, li l-konvenut Clyde Farrugia Vella dejjem mantna lill-istess Nathan, u apparti iz-zmien qasir li l-istess konvenuta ghexet separata minn zewgha dejjem wara it-twelid tal-istess tarbija, l-istess Nathan dejjem ghex flimkien mar-ragel tal-konvenuta, kif ghadu fil-fatt jghix sallum, u dejjem mantnut minnu.

Illi l-unika perjodu li l-istess iben ma kienx jghix mal-persuna li kienet indikata bhala missieru fl-istess certifikat kien mill-11 ta' Novembru 1997 meta l-konvenuta marret tghix wahedha mal-minuri fi flat Marsaskala u dan biss ghal perjodu ta' hmistax, u wara marret hmistax ghand huha San Gwann, u wara ghand ommha fejn damet tghix ghandha sa Marzu 1998, sakemm marret fi flat iehor Rahal Gdid u baqghet tghix hemmhekk sa Awissu/Settembru 1998 meta regghet irrikonciljat ruhha ma zewgha fejn ghadha tghix mieghu sallum, tant li waqt dawn il-proceduri regghet harget tqila minn zewgha.

Illi minn dan kollu jirrizulta li mhux biss it-tifel ghandu stat ta' legittimu fic-certifikat tat-twelid tieghu izda wkoll kien dejjem maghruf bhala iben l-istess konvenut Clyde Farrugia Vella kif jidher mid-diversi dokumenti esebiti, tant li mic-certifikati anke tal-maghmudija, tal-iskola, tal-isptar u

fl-avvizi fil-gazzetti dejjem gab bhala il-kunjom tieghu dak tal-istess konvenut, li ittrattah bhala ibnu u haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu u sabiex jikkolokah, u hekk huwa maghruf mal-familja tieghu, u ghalhekk l-istess minuri ghandu ukoll il-pussess kontinwu ta' l-istat ta' iben legittimu.

Illi huwa sinifikanti ukoll li waqt il-proceduri ta' separazzjoni bejn il-konjugi Farrugia Vella istitwiti quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili mill-istess konvenuta fis-6 ta' Marzu 1998, l-istess minuri Nathan huwa deskritt minnha bhala iben l-istess partijiet, u *di piu'* fid-Digriet tal-istess Qorti datat 12 ta' Marzu 1998 Numru 484/98, l-istess tifel huwa ukoll deskritt bhala *"t-tifel minuri tal-partijiet"* u anke ordnat li jithallas manteniment ghall-istess minuri mill-konvenut l-iehor.

Illi l-fatt li fis-16 ta' Jannar 1998 l-istess konvenut Clyde Farrugia Vella fetah kawza ta' denegata paternita' fil-konfront tal-istess minuri fih innifsu ma jbiddilx dan l-pussess, u dan stante li l-kawza ma tkomplietx, u jekk wiehed jifli sew l-istess data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici jidher li l-istess konvenut baqa' jittrateni kwazi sal-ahhar tat-terminu ta' sitt xhur mid-data tat-twelid tal-minuri fl-20 ta' Lulju 1997 skond l-**artikolu 73 tal-Kap 12,** biex imbaghad xorta ceda il-kawza u ghalhekk ghalaq ghalih kull possibilita' li jipprezenta kawza simili fil-futur u bla ebda dubju accetta ghal kollox lill-istess minuri bhala ibnu.

Illi fl-isfond ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-ewwel ostakolu ghall-azzjoni attrici ma giex eliminat ghaliex la darba hemm l-att ta' twelid imnizzel fir-Registru Pubbliku *ai termini* tal-**artikolu 78,** u la darba l-istess minuri ghandu l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu *ai termini* tal-**artikolu 80 tal-Kap 16,** mela allura l-ebda azzjoni u konsegwentement l-ebda prova ma hija ammissibbli sabiex tattakka l-istess stat ta' iben legittimu tal-istess minuri *ai termini* tal-**artikolu 81 tal-istess Kap 16,** lanqas ta' ezamijiet medici kif proposti mill-istess attur.

Illi in effetti dan jirrizulta mid-dicitura tassattiva tal-istess **artikolu 81,** li ma jhalli lok ghall-ebda dubju jew eccezzjoni dwar l-istess, u ghalhekk a bazi ta' dan l-azzjoni attrici kif proposta hija wkoll inammissibbli.

Illi dan huwa fih innifsu bizzejjed sabiex l-azzjoni attrici tigi michuda, imma jirrizulta wkoll li l-azzjoni attrici jekk tigi ezaminata biss skond ir-rekwiziti ndikati fl-**artikolu 77 tal-Kap 16** tali azzjoni xorta ma tistax tirnexxi u dan ghaliex l-attur bl-ebda mod ma ipprova li *"fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi anzi rrizulta ppruvat mill-konvenuti l-konjugi Farrugia Vella, u bl-ebda mod kontradett mill-attur, li l-istess konjugi Farrugia Vella ikkoabittaw dejjem fid-dar konjugali sat-twelid tal-istess minuri Nathan fl-20 ta' Lulju 1997, u hekk

baqghu jaghmlu sakemm l-istess minuri kellu erba' xhur, meta l-konvenuta telqet mid-dar konjugali temporanjament f'Novembru 1997. Dan huwa ammess mill-istess attur fl-affidavit tieghu imsemmi, w anke fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti *viva voce,* u almenu dwar dan il-punt ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jidher car li la darba l-istess konvenuti konjugi Farrugia Vella kienu qed jghixu flimkien bhala mizzewgin tul il-perjodu kollu indikat **fl-artikolu 77** certament ma gietx ippruvata li *"ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jaghmmar ma' martu minhabba li kien boghod minnha",* anzi addirittura gie pruvat konkludentement il-kuntrarju, u f'dan il-kuntest huwa tassew difficli biex wiehed jifhem kif qatt l-azzjoni attrici, bid-disposizzjoni tal-ligi hekk citata, tista' qatt tirnexxi, u jidher li l-attur dan kien jafu *a priori* qabel ma ittenta l-istess proceduri, propju ghaliex qatt ma ikkontesta tali fatt, la qabel u lanqas waqt dawn il-proceduri.

Illi dan huwa wkoll konformi ma dak li gie deciz fis-sentenza **"John Scicluna vs Sharon mart James Buhagiar et"** (P.A. G.V. 7 ta' Novembru 1995) fejn gie ikkonfermat li l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** *"hija moghitja lil kull min ikollu interess fil-kaz biss fejn din l-persuna tista' tipprova li fiz-zmien imsemmi f'dana l-artikolu ir-ragel kien fl-impossibilita` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".*

Illi dan huwa konformi mal-interpretazzjoni tal-**Artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' *"impossibilita' fizika"* hemm indikata, fejn wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et" (N.A. 19 ta' Novembru 1997)** fejn inghad li *"l-impossibilita' fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet teffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* **("Noelle Spiteri vs Ernest Cilia").**

Illi ineffetti din il-prova skond l-**artikolu 77** trid issir *sine qua non* sabiex l-azzjoni a bazi tal-istess artikolu jkollha success, u dan indipendentement minn kull test mediku kwalunkwe u dan ghaliex l-istess artikolu ma jammetti l-ebda eccezzjoni u ghalhekk fl-opinjoni ta' din il-Qorti, la darba dan l-element bazilari ghall-azzjoni attrici ma giex ippruvat, l-ebda prova ma ghandha tithalla ssir li tista' l-icken ombra fuq il-legittimita' prezunta taghha. Dan il-vetitum li ma jigix kontestat l-istat ta' legittimita' jekk mhux fl-azzjoni proprja, il-ligi taghmlu fl-interess suprem tal-minuri u l-Qorti jehtiegilha tosservah *ad linguam* billi huwa wiehed ta' ordni pubbliku **("Paul Bugeja vs George Portelli" -** A. C. 28 ta' Frar 1997).

Illi l-konsgwenza ta' dan kollu huwa li din il-Qorti qed tordna l-isfilz tac-certifikat mediku datat 29 ta' Ottubru 1997 esebit bhala Dok. "B" mac-citazzjoni attrici u kopja tal-istess dokument anness mat-tahrika tax-xhud Paul Sultana, liema tahrika hija datata 11 ta' Ottubru 2000, u wkoll tordna l-isfilz tax-xhieda kollha tal-istess Paul Sultana

moghtija fis-7 ta' Novembru 2000 proprju fuq l-istess dokument, stante li tali xhieda hija innammissibbli f'kawza ta' din in-natura la darba ir-rekwiziti tal-**artikolu 77** ma gewx sodisfatti, u din l-ordni tal-isfilz qed tinghata wkoll fid-dawl tar-riservi li din il-Qorti ghamlet dwar l-istess dokumenti u xhieda fid-Digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2000. Illi dan qed jinghad apparti kull disposizzjoni ohra dwar il-produzzjoni ta' xhieda u dokumenti stante li jirrizulta li l-istess dokument la gie ikkonfermat bil-gurament mill-persuna li ghamlitu, la huwa originali, la huwa awtentikat, u l-persuna jew persuni li irredigew l-istess, u l-istess Paul Sultana lanqas huma indikati bhala xhieda mill-attur innifsu, ghalkemm certament kif jaf bl-esitenza tal-istess qabel l-istutuzzjoni tal-kawza odjerna.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti hija ukoll tal-opinjoni li dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi u l-principji fuq enuncjati huma in konformita' mad-dritt fundamentali protett fil-**Kostituzzjoni** ghar-rispett ghall-hajja privata u familjari tieghu, skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (c) tal-istess,** u **artikolu 8 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319,** u tali limitazzjonijiet fl-azzjonijiet proponibbli sabiex tigi attakkata l-legittimita' tal-persuna huma fil-fatt protetti a bazi tas-**subartikolu (2) tal-artikolu 8** stante li l-istess saru skond il-ligi u huma mehtiega f'socjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' pubblika ghall-protezzjoni tal-morali u ghall protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor, f'dan il-kaz l-interess tal-familja, tenut kont tar-rabtiet li jezistu bejn l-istess minuri u

l-konjugi Farrugia Vella u ghall-interess suprem tal-istess minuri.

Illi s-sentenza fl-ismijiet **“Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** (P.A. F.G. C. 10 ta’ Mejju 1996) tikkonferma l-istess stante li l-kuncett ta’ *family tie* hemm indikat fl-istess sentenza li jinkludi mhux biss relazzjonijiet naxxenti minn zwieg izda dak li gie deskritt bhala relazzjonijiet bejn partijiet li jghixu flimkien m’hux f’ghaqda ta’ zwieg u li tali kuncett jinkludi *“that biological and social reality prevail over a legal presimption”* gie riskontrat biss f’din il-kawza fil-kaz tal-konjugi Farrugia Vella u l-istess minuri, stante li l-attur min-naha l-ohra qatt ma abita la mal-konvenuta u lanqas mal-minuri u ghalhekk certament ma jistax wiehed jitkellem ghall-*family tie* fil-konfront tieghu, izda biss fil-konfront tal-konvenuti Farrugia Vella u l-istess minuri.

Illi dan ifisser li l-principji enuncjati fil-kawza **“Kroon and others vs The Netherlands”** deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (Series A, No. 297 - C - 27 ta’ Ottubru 1994) bl-ebda mod ma gew mittiefsa bl-artikoli fuq riferiti, stante li f’dak il-kaz il-Qorti Ewropeja irriskontrat ksur tal-**artikolu 8 tal-Kap 319** peress li ma gewx rikonnoxxuti il-*family ties* f’dak il-kaz ezistenti bejn it-tlett applikanti li kienu missier, l-omm u l-iben li kellhom relazzjoni stabbli bejniethom ghalkemm mhux mizzewga tant li kienu jghixu flimkien ghal xi zmien bhala familja. Illi infatti fil-kaz odjern l-unika nuklewu ta’ familja li gie pruvat

quddiem din il-Qorti li jezisti huwa dak bejn il-konjugi Farrugia Vella u uliedhom, inkluz it-tifel Nathan u hadd izjed.

Illi ghalhekk a bazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha, **tichad it-talbiet attrici** bhala inammissibbli, insostenibbli w infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**1 ta' Marzu 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**1 ta' Marzu 2001**